# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru 2019**

**Rikors Numru 203/11 FDP**

Fl-ismijiet

**Roberta Cassar (ID 25581M) f'isimha proprju u kif ukoll bħala leġittima rappreżentanti ta' bintha minuri Hayley Cassar**

**Vs**

**Polidano Brothers Limited**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 28 ta' Frar 2011, li permezz tiegħu r-rikorrenti *nomine* talbet is-segwenti:

    1. *Illi r-rikorrenti huma l-uniċi eredi ad intestato ta' Louis Cassar [martu u bintu], li miet fil-25 ta' April 2009, skont ma jirriżulta aħjar mid-dokumenti annessi u mmarkati bħala Dokumenti EA 1 sa EA 4, u r-rikorrenti skriviet l-ipoteka legali skont il-liġi sabiex tamministra sew il-beni devoluti fuq bintha minuri Hayley Cassar.*

    2. *Illi fit-8 t'April 2009, l-imsemmi Louis Cassar kien qed jaħdem b'inkarigu tas-soċjeta' intimata fil-barriera magħrufa bħala "Tal-Qawwi" sita f'Triq Lapsi, Siġġiewi, u waqa' għoli għal isfel fejn safa*

*korrut serjament, u sussegwentement issokkomba għall-ġrieħi sofferti u miet fil-25 ta' April 2009 b'konsegwenza tal-istess korriment.*

3. *Illi s-soċjeta' intimata hi responsabbli għal dan il-korriment u l-mewt konsegwenzjali minħabba nuqqas ta' diliġenza, prudenza u ħsieb u wkoll minħabba li ma ġiex ipprovdut a 'safe working environment' u anke bi ksur tar-regolamenti applikabbli f'dan ir-rigward.*

4. *Illi s-soċjeta' intimata ġiet interpellata biex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha li sofrew ir-rikorrenti b'konsegwenza ta' dan l-inċident mertu tal-kawża iżda baqgħet inadempjenti, u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Tgħid għalhekk is-soċjeta' intimata għaliex għar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara illi s-soċjeta' intimata hi responsabbli għall-inċident li fih korra Louis Cassar fit-8 t'April 2009 li seħħ fil-barriera magħrufa bhala "Tal-Qawwi" siat f'Triq Lapsi, Siġġiewi fejn sussegwentement issokkomba għall-ġrieħi sofferti u miet fil-25 ta' April 2009 b'konsegwenza tal-istess korriment, u dan għar-raġunijiet fuq premessi.*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti minħabba dan l-inċident u l-mewt konsegwenzjali, u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.*

3. *Tikkundanna lis-soċjeta' intimata biex tħallas lir-rikorrenti d-danni kollha hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali tal-31 ta' Mejju 2010, debitament notifikata, u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li qed jiġi ppreżentat kontestwalment, kontra s-soċjeta' intimata li hi nġunta għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fit-8 ta' April 2019, is-soċjeta' intimata Polidano Brothers Limited irrispondiet billi laqgħet għal dak mitlub billi qalet is-segwenti:

*Illi t-talbiet rikorrenti in kwantu diretti kontra l-kumpannija eċċipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li l-kumpannija konvenuta m'għandhiex tort għall-inċident in kwistjoni u m'hijiex responsabbli għall-istess inċident u l-konsegwenzjali danni kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

3. Rat illi fil-15 ta' April 2011 il-Qorti appuntat lill-Perit Alan Saliba sabiex jirrelata dwar il-każ.

4. Rat id-dokumentazzjoni medika ppreżentati quddiem l-abbli Perit Tekniku fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2014, u minnu ppreżentati in atti fil-5 ta' Novembru 2014. (fol 76 – 190)

5. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentati mill-abbli Perit Tekniku fl-4 ta' Novembru 2015 u li kienu ġew ippreżentati quddiem l-istess Perit waqt il-ġbir tal-provi. (fol 193 sa 223)

6. Rat illi fit-3 ta' Ottubru 2017 il-Perit Alan Saliba talab illi jiġi sostitwit minħabba f'inkarigu pubbliku illi kienet ġiet lilu mogħtija. (fol 253)

7. Rat illi dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, ma appuntat ebda espert sabiex jirrelata dwar il-każ u straħet fuq il-provi ġia miġbura.

8. Rat illi fl-24 ta' Ottubru 2017 ir-rikorrent talbet illi tagħmel is-sottomissjonijet tagħha, liema sottomissjonijiet gew ippreżentati fl-14 ta' Diċembru 2017. (fol 256)

9. Rat is-sottomissjonijet tas-soċjeta' intimata ippreżentati fis-6 ta' Marzu 2018. (fol 274)

10. Rat illi fis-7 ta' Marzu 2018 is-soċjeta' intimata indikat illi x-xhieda miġbura mill-Perit Tekniku Alan Saliba ma kinux inseriti fl-atti.

11. Rat illi fis-7 ta' Ottubru 2019, x-xhieda miġbura quddiem il-Perit Tekniku Alan Saliba lkoll ġew inseriti fl-atti a fol 295 sa 364 tal-proċess.

12. Rat illi fis-7 ta' Ottubru 2019 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

## Fatti tal-Kaz

13. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti Roberta Cassar, ta' tmienja u tletin sena (38) illum il-ġurnata, kienet miżżewġa il-mejjet Louis Cassar, li kellu tnejn u tletin (32) sena meta miet, li miegħu kienet ilha sa minn meta kellha sbatax-il sena u, wara li żżewġu, huma kellhom tarbija, Hayley, illi kellha sebgħa snin meta miet missierha, Louis Cassar, u li llum il-ġurnata għandha sbatax-il sena.

14. Jirriżulta illi aktar minn għaxar (10) snin ilu, ossija fit-8 ta' April 2019, ir-raġel tar-rikorrenti, ossija Louis Cassar, telaq mid-dar għax-xogħol kif dejjem għamel, filwaqt illi r-rikorrent baqgħet id-dar, peress illi hija ma kinetx taħdem u kienet id-dar tiegħu ħsieb il-familja w it-tifla tagħha – huwa qatt ma reġa' rritorna lura d-dar.

15. Jirriżulta, di fatti, illi dakinhar, waqt illi Louis Cassar kien qiegħed jaħdem fil-barriera tas-soċjeta' Polidano, illi magħhom kien ilu jaħdem għal aktar minn tlettax il-sena, sa mid-29 ta' Lulju 1996[1], fejn huwa kien isuq it-truck ġewwa l-barriera, waqa' aktar minn tmien metri 'l isfel, ossija żewġ sulari u nofs, u weġġgħa gravament.

16. Jirriżulta illi, wara l-inċident, huwa ttieħed l-isptar fejn inżamm hemmhekk f'kura intensiva u kkomunika okkażjonalment mar-rikorrenti u persuni oħra iżda eventwalment, il-feriti gravi illi huwa sofra riżultat tal-waqa' tiegħu wasslu għall-mewt tiegħu fil-25 ta' April 2009.

17. Jirriżulta illi għalkemm ir-rikorrent interpellat lis-soċjeta' intimata, Polidano Brothers' Limtied, sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni, inkluż permezz ta' Ittra Uffiċjali datata 31 ta' Mejju 2010, is-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti u għalhekk, fit-28 ta' Frar 2011, ġew intavolati l-proċeduri odjerni.

## **L-inċident.**

18. Jirriżulta, mill-provi prodotti fix-xhieda miġbura quddiem il-Perit Tekniku mqabbad mill-Qorti[2], u partikolarment mix-xhieda Joe Camilleri u Joseph Aquilina, li dakinhar kienu qegħdin jaħdmu flimkien ma' Louis Cassar fuq il-lant tax-xogħol fil-barriera, li dik il-ġurnata, Louis Cassar kien qiegħed isuq truck illi fih kien qiegħed jintefa' l-blat li eventwalment jittieħed fil-crusher li jinstab fl-istess barriera, sabiex jitkisser.

19. Jirriżulta illi dakinhar, Joe Camilleri, li kien il-foreman, kien qed jieħu ħsieb li jgħabbi l-materjal u blat ġewwa t-truck permezz ta' 'Hymac', li kien qiegħed jintuża dak il-ħin biex jgħabbi l-blat peress illi l-gaffa l-kbira li kienet tintuża għal dan il-għan kienet żviluppat ħsarat u ma kinetx operabbli. Camilleri kien qiegħed jgħabbi tali materjal fuq it-trucks misjuqa minn Louis Cassar u Joe Aquilina.

20. Jirriżulta illi, wara nofsinħar, il-ħsarat fil-gaffa kienu tranġaw u għalhekk Camilleri ressaq u pparkja il-Hymac max-xifer tal-barriera u, wara li niżel minnha u tfiha mill-'main switch', niżel aktar 'l isfel flimkien ma' Louis Cassar fit-truck tiegħu sabiex jibda jgħabbi l-blat bil-gaffa.

21. Jirriżulta illi, fi kliem l-Maġġur Joseph Borg, illi investiga l-każ ftit wara li seħħ l-inċident hekk kif daħal ir-rapport lill-Pulizija, dwar kif kien imqiegħed l-excavator ossija Hymac, huwa jgħid illi "*ma kienx hemm xi forma ta' ndikazzjoni biex wieħed*

---

[1] Vide fol 194

[2] (iżda li qatt ma spiċċa biex jirrelata stante illi kellu jirrinunzja mil-inkarigu tiegħu in vista' ta' kariga uffiċjali lilu mogħtija)

*jara x-xifer u lanqas ma kien hemm ilqugħ. L-excavator kien viċin ħafna tax-xifer u biex tgħaddi minn bejn l-escavator u x-xifer trid toqgħod attent ħafna li ma taqax għal isfel. L-excavator kien ipparkjat parallel max-xifer."*[3]

22. Jirriżulta illi, kif jistqarr Joe Camilleri stess, il-mod kif il-Hymac kien ipparkjat minn Camilleri, mal-ġemb u fuq ix-xifer tal-barriera, ma kienx tajjeb u, fi kliem Camilleri stess "*fejn kien ipparkjat il-Hymac u kif kellu jaħdem bit-truck Louis, Louis ma setax jgħaddi komdu bit-truck*".[4]

23. Jirriżulta illi dan huwa kkonfermat minn Joe Aquilina, sewwieq tat-truck l-ieħor li kien qiegħed jintuża dak iż-żmien, meta fix-xhieda tiegħu qal "*peress li l-Hymac bdiet ittellifna naqra biex nimmanuvraw bit-trakkijiet, Louis ipparkja t-trakk fil-kantuniera, qasam minn quddiemi u għamilli sinjal li ser ineħħi l-Hymac biex inkunu nistgħu naħdmu tajjeb.*"[5]

24. Jirriżulta illi Aquilina ra lil Cassar jitla fuq il-Hymac, u jiddeskrivi l-manuvra tiegħu kif ġej: "*Louis tela' fuq il-Hymac bl-istess mod li nitilgħu fuqha s-soltu u cioe' minn naħa tal-bieba għal fuq il-katina tagħha. Il-bieba kienet fuq in-naħa ta' ġewwa (tal-barriera) u mhux fuq in-naħa tax-xifer (tal-barriera). Louis qasam għal fuq il-katina ta' barra u xxabbat biex jixgħel il-main switch. Il-main switch kien fuq in-naħa tax-xifer. Il-main switch qiegħed dik in-naħa u għalhekk Louis ma setax jixgħelu mod ieħor mill-mod kif ħadem. Il-main switch jinsab fil-ġemb tal-gabina fuq il-parti l-oħra tal-Hymac. Lil Louis ħallejtu hemmhekk u tlaqt bit-trakk inħott fil-crusher.*"[6]

25. Jirriżulta illi dak kien l-aħħar illi rawh l-impjegati kollegi tiegħu. Di fatti, skond Aquilina, meta mar lura wara illi ħatt il-materjal fil-crusher, "*Lil Louis .. ma sibtux la fejn il-Hymac u lanqas fejn it-trakk tiegħu .... fittixtu kullimkien u li kien baqagħli nħares kien għal isfel, u rajtu hemm isfel.*"[7]

26. Jirriżulta illi lanqas Camilleri ma ra xejn tal-inċident, u di fatti jgħid is-segwenti: "*X'ħin klerjajt il-ġebel il-kbir, daqqejt tlett darbiet il-ħorn biex Louis iressaq it-trakk biex ngħabbieh u bqajt nistennieh bil-banju mgħolli u mgħobbi. X'ħin rajtu ma ġiex, ħsibt li mar jagħmel toilet. Jien ma rajtu mkien u mbagħad beda jfittxu l-ieħor Joe Aquilina li ra lil Louis isfel x'ħin ittawwal minn fuq ix-xifer. Joe għajjattli, nżilt niġri mill-gaffa u x'ħin nittawwal insibu isfel.*"[8]

27. Jirriżulta illi wara l-inċident, huwa ttieħed l-Isptar u għalkemm kellu ġrieħi serji, huwa kien f'pożizzjoni jikkomunika, u di fatti spjega kemm lir-rikorrenti martu, Roberta Cassar, kif ukoll lill-Maġġur Borg, dwar kif seħħ l-inċident.

---

[3] Xhieda 27 ta' Ottubru 2011 – vide for 313
[4] Xhieda 29 ta' Novembru 2011 - vide fol 318
[5] Xhieda 29 ta' Novembru 2011 – vide fol 321
[6] Xhieda 29 ta' Novembru 2011 – vide fol 321
[7] Xhieda 29 ta' Novembru 2011 – vide fol 322
[8] Xhieda 29 ta' Novembru 2011 – vide fol 317

28. Jirriżulta illi lill-Maġġur Borg, meta dana mar l-Isptar l-għada filgħodu wara l-inċident, fi kliem l-Maġġur Borg stess "*irnexxieli nkellmu u kien qalli dawn il-preċiżi kelmiet "naf li jiena mort biex inressaq l-excavator u ma nafx kif ħarbitli sieqi u mbramt għal isfel." Minn dan il-kliem fhimt illi biex tidħol għall-excavator kien biss min-naħa tax-xifer.*"[9]

29. Jirriżulta illi, mill-banda l-oħra, ir-rikorrenti Roberta Cassar kellha dan xi tgħid dwar dak li saret taf fuq l-inċident:

> *Għalkemm żewġi kien jidher li korra sew mill-ġrieħi li rajtlu, hu kien f'sensih. Jien kellimtu dakinhar stess (fit-8 ta' April 2009) u staqsejtu kif kien korra. Hu qalli li kienet żelqitlu siequ u waqa' numru ta' sulari għal isfel ġol-barriera. Kien spjegali, anke' wara l-ewwel jum li fih korra, għax hu baqa' f'sensih u kien ċar fil-ħsieb tiegħu, li hu kien qed jaħdem ma' sieħbu Joe Camilleri. Camilleri kien qed jaħdem b'gaffa filwaqt li żewġi kien qed isuq trakk. Louis spjegali li dan ix-xogħol beda jsir viċin ix-xifer tal-barriera, u fl-istess post fejn beda jsir dan ix-xogħol, kien hemm gaffa parkeggjata eżattament fix-xifer tal-barriera. Peress li l-ispazju biex Louis jimmanuvra t-trakk kien wieħed limitat ħafna, u ma setax jaħdem sew bil-gaffa li kienet parkeġġjata, Louis qalli li kien mar biex ineħħi din il-gaffa minn fejn kienet ġiet parkeġġjata minn xi ħadd minn sħabu u jqiegħda f'post ieħor, biex ikunu jistgħu jaħdmu sew. Spjegali li l-gaffa kienet mitfija, li kellha l-main switch tal-provvista tal-kurrent elettriku tagħha li kien mitfi, u li biex jistartja l-gaffa, kellu bilfors għalhekk jixgħel dan il-main switch.*
>
> *Spjegali wkoll li l-main switch kien jinsab fuq il-ġenb tal-gaffa, il-ġenb li kien jagħti għall-barriera, u li biex jixgħelu, kellu bilfors jitla' fuq il-gaffa, jixxabbat u jiġġebbed biex jilħaq dan il-main switch u jixgħelu. F'mument minnhom meta kien ser idawwar il-main switch, siequ żelqet u waqa' għal isfel. Jien spjegajtlu kif min ħalla l-gaffa parkeggjata hemm kien ħalliha preċiżament fix-xifer tal-barriera, u b'mod li bilfors trid tixxabbat biex tkun tista' tistartjaha, u Louis spjegali li dejjem hekk kien isir. Staqsejtu kif almenu ma kienx intrabat qabel mar biex jixgħel il-main switch, u qalli li ma kellhomx apparat biex jintrabtu bih.*

## **Responsabbilta'**

30. Ikkunsidrati d-dinamika tal-każ kif fuq spjegati, l-ewwel kwesit illi dina l-Qorti trid tikkunsidra hija dwar min huwa responsabbli għall-inċident illi wassal għall-mewt tar-raġel tar-rikorrenti, ossija Louis Cassar, fl-eta' ta' tnejn u tletin sena (32).

---

[9] Xhieda 27 ta' Ottubru 2011 - vide fol 313

31. Ir-rikorrenti tikkontendi illi s-soċjeta' intimata hija responsabbli filwaqt illi s-soċjeta' intimata tiċħad tali responsabblita' u titfa' r-responsabbilta' tal-inċident fuq Louis Cassar.

32. Dwar l-operat ta' Louis Cassar, jirriżulta illi l-ħaddiema li kienu miegħu dakinhar tal-inċident kellhom biss kliem ta' tifħir fil-konfront tiegħu. Joe Camilleri, di fatti, jgħid illi "*Louis kien bniedem bil-għaqal, qisu t-tifel tiegħi. Ma kien xejn traskurat fuq ix-xogħol tiegħu.*"[10] Joseph Aquilina, jikkonferma dan, meta jgħid "*Louis kien bil-għaqal ħafna u attent ħafna fuq xogħlu. Kien ukoll kapaċi biex jaħdem.*"[11]

33. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi s-soċjeta' intimata, biex tipprova tiskolpa ruħha minn responsabbilta' tal-inċident, ippruvat tallega illi Louis Cassar kien attwalment ipprova jikkommetti suwiċidju. Di fatti, Paul Polidano, direttur tas-soċjeta' intimata, fl-affidavit tiegħu, jgħid "*ġimgħat qabel l-inċident, hu kien tkellem miegħi u anki ma sħabu li jaħdmu fl-istess barriera, li kellu problemi familjari. Infatti, ġieli kien jidher imfixkel fuq ix-xogħol.*" [12]

34. Jirriżulta wkoll illi s-soċjeta' intimata ipproduċiet ukoll affidavit ta' Aron Camilleri, iben il-foreman Joe Camilleri illi kien ma' Louis Cassar dakinhar li miet u li kien ipparkja l-Hymac fix-xifer tal-barriera, li minnha wara waqa' Cassar, liema xhud, filwaqt li stqarr li ma jaf xejn dwar l-inċident għax ma kienx hemm, stqarr illi kien qed jara lill-Cassar imfixkel. L-istess Aron Camilleri jgħid "*kont ninduna li Louis ma kienx f'sikktu*" u li "*ġieli kont naqsam dan il-ħsieb ma' missieri, ċioe Joseph Camilleri, u kien jgħidli illi Louis kemm il-darba qallu illi mhux problemi finanzjarji biss kellu iżda problemi oħra ma' martu fis-sens illi l-mara tiegħu kienet toħroġ f'nofs il-lejl.*" [13] - ħasra illi missieru ma kkonferma xejn minn dan!

35. Jirriżulta, di fatti, illi Joseph Camilleri, fix-xhieda estensiva tiegħu aktar minn sentejn qabel ma ġie redatt dana l-affidavit, ma semma assolutament xejn minn dan li allega Aron Camilleri, u anzi, mistoqsi dwar Louis Cassar, huwa qal "*la qabel l-inċident, la meta waqa' u lanqas wara fl-isptar, Louis qatt ma semmieli li ried jagħmel suwiċidju.*"[14] Il-Qorti tifhem illi kieku kien vera dak li qal Aron Camilleri, ċertament missieru kien jgħidha fix-xhieda tiegħu – il-fatt illi dana ma sarx hija indikazzjoni ċara li x-xhieda ta' Aron Camilleri ma hija xejn attendibbli, jekk mhux intiża sabiex tiżvija lil dina l-Qorti.

36. Jirriżulta wkoll illi Joseph Aquilina, illi ddeskriva r-relazzjoni tiegħu ma' Louis Cassar bħala "*konna ħbieb*"[15], lanqas ma jikkonferma dina t-teżi ivvintata mis-soċjeta' intimata, tant illi mistoqsi jgħid "*qabel ġara l-inċident, dakinhar tal-inċident u wara l-inċident Louis qatt ma qalli li ried jaqbeż b'suwiċidju. Lanqas*

[10] Xhieda 29 ta' Novembru 2011 - vide fol 316-317
[11] Xhieda 29 ta' Novembru 2011 - vide fol 321
[12] Affidavit 12 ta' April 2013 – vide fol 223
[13] Affidavit 2 ta' Mejju 2013 – vide fol 223
[14] Xhieda 29 ta' Novembru 2011 – vide fol 318
[15] Xhieda 29 ta' Novembru 2011 – vide fol 321

*qatt semmieli li kellu xi problemi li kienu qed jinkwetawh u li ried ineħħi ħajtu b'idejh.*"[16]

37. Jirriżulta, għalhekk, illi t-teżi ta' suwiċidju ttentata mis-soċjeta' intimata kienet biss invenzjoni intiża sabiex tiżvija l-provi fil-kawża odjerna u titfa' dell ikrah fuq l-istess Louis Cassar bit-tama illi r-responsabbilta' tas-soċjeta' intimata tiġi evitata – il-Qorti ma tistax ma tosservax illi tali allegazzjonijiet huma tal-mistħija u kundannabbli, li qatt ma messhom saru, u l-Qorti tqis tali nuqqas bħala wieħed serju.

38. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-Perit Tekniku mqabbad fl-Inkjesta Maġisterjali li investiga tali inċident, ossija il-Perit Dr Robert Musumeci, kellu dan xi jgħid dwar ix-xhieda minnu miġbura: [17]

> *Mix-xhieda rriżulta li kien hemm ċertu Jeffrey Desira li kien impjegat ma' Polidano Brothers fuq bażi 'part-time' bħala 'health and safety engineer'. Osservajt li kien hemm nuqqasijiet fl-osservanza tal-Avviż Legali 281/04 fis-sens illi dan l-Avviż jipprovdi li għandu jinħatar 'supervisor' li għandu jikkoordina l-eżekuzzjoni tal-prinċipji ġenerali tas-saħħa u s-sigurta'.*
>
> *Jeffrey Desira kien avviċinat xi erba' snin qabel minn Polidano biex iservi bħala 'health and safety officer' u kien f'Dicembru 2007 l-aħħar darba li dan Desira kien mar fil-barriera fil-kwistjoni. Desira kien xehed ukoll illi l-operat ma kienx mija fil-mija konformi mar- 'risk assessment' u fir-rigward Desira kien qal ukoll li kien hemm xi punti li ma ġewx attwati.*

39. Jirriżulta illi tali konstatazzjonijet huma konfortati wkoll bix-xhieda tal-ħaddiema illi kienu ma' Louis Cassar dakinhar illi seħħ l-inċident.

40. Jirriżulta, di fatti, illi Joe Camilleri stqarr li "*fejn konna jiena u Louis il-proċedura hi li ma nilbsux helmet. L-imgħallem ma kienx jgħidilna biex nilbsu l-helmet fejn konna qed naħdmu aħna. L-Imgħallem qatt ma bgħatna kors fuq safety*." [18]

41. Jirriżulta illi l-istess kellu xi jgħid Joseph Aquilina, meta qal "*Lilna qatt ma tawna korsijiet dwar il-mod kif naħdmu fil-barriera. Inti trid toqgħod attent u qatt ħadd ma ġie xi ħadd jgħidli tagħmilx hekk. Jekk jiġi l-imgħallem u jgħidli biex nagħmel xi ħaġa li tkun ta' perikolu jiena ma nagħmilhiex. Il-mod kif jinħadem ix-xogħol isir billi Pawlu Polidano iċempel lill-foreman filgħodu, jgħidlu x-xogħol irid isir u nibdew nahdmu. Fuq ix-xogħol m'hemmx persuna inkarigata dwar ir-riskju fuq il-post tax-xogħol.*" [19]

---

[16] Xhieda 29 ta' Novembru 2011 – vide fol 323
[17] Xhieda 6 ta' Diċembru 2016 – vide fol 363
[18] Xhieda 29 ta' Novembru 2011 – vide fol 320
[19] Xhieda 29 ta' Novembru 2011 – vide fol 322

42. Jirriżulta, naturalment, illi l-Perit Robert Musumeci, fix-xhieda tiegħu, jikkontendi illi "*mhemmx nexus bejn dawn in-nuqqasijiet li semmejt dwar l-ottemperanza o meno mal-Avviż Legali u l-inċident fil-kwistjoni u dan għar-raġunijiet li hemm dettaljati fl-inkjesta*" [20]– madanakollu, dina l-Qorti ma taqbel xejn ma' tali assersjonijet, u hija moralment konvinta illi s-soċjeta' intimata hija unikament responsabbli għal tali inċident li ġab fit-tmiem ħajjet persuna ta' tnejn u tletin sena li kien għadu fl-aħjar tiegħu.

43. Kif intqal mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fil-kawża **Philip Vassallo vs Malta Freeport Terminals** deċiża fil-21 ta' Marzu 2016 per Imħallef Lawrence Mintoff u mhux appellata:

*"... appena jiġi pattwit kuntratt ta' impjieg, jiskattaw l-effetti ta' bosta liġijiet li jħarsu lill-ħaddiem, fosthom ... dawk dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Għalkemm jiskattaw fil-kors ta' kuntratt ta' impjieg, dawn ir-regoli jistgħu jkunu fonti ta' danni extra-kuntrattwali jew delittwali, li jistgħu jkunu wkoll konkorrenti mad-danni kuntrattwali.*

*Skont l-artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili, "Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr il-ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."*

*Ir-regola ġenerali in tema extra-kuntrattwali, li ilha stabbilita fil-Kodiċi Ċivili hi li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li ssir bi ħtija tiegħu." (artikolu 1031). Ikun fi ħtija min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, iżda ħadd ma jwieġeb għal nuqqas ta' grad ikbar ta' diliġenza (artikolu 1032).*

*Anki fil-qasam tax-xogħol, kwalsiasi azzjoni (pożittiva jew negattiva) jew forma ta' kondotta assunta trid tkun ippernjata fuq il-prudenza u d-diliġenza tal-bonus paterfamilias. Għandha tkun akkumpanjata wkoll minn dak il-buon sens li ż-żmien, il-mument u s-sitwazzjoni partikolari jkunu jirrikjedu jew ikunu jiddettaw. Din hija l-bażi preventiva li l-liġi tagħna tiġbor fiha u dan sabiex tbiegħed lill-persuna mill-ħsara, anke għal dak li jirrigwarda ħsara potenzjali.*

*Illi l-ġurisprudenza Ingliża ukoll tagħraf li fil-każ ta' korriment fuq il-post tax-xogħol, huma applikabbli kemm il-kuntratt ta' impjieg kif ukoll il-liġi delittwali, billi dawn jirkbu fuq xulxin u fil-fatt illum il-ġurnata jista' jitqies li fil-kuntratt ta' impjieg hemm patt impliċitu li min iħaddem għandu jipprovdi post tax-xogħol sikur għall-ħaddiem:*

[20] Xhieda 6 ta' Diċembru 2016 – vide fol 363

> *'The relationship itself of employer and employee is necessarily based upon contract but it has been the subject of some controversy in the past whether the common law duties regarding the employee's safety, are contractual duties or lie in tort. Because of the closeness of the relationship between employer and employee, as well as its very nature, there really can be no doubt today that a duty of care does arise under the general law of tort, as expressed in Donoghue vs Stevenson (1932 A.C. 562). In Davie vs New Merton Board Mills Ltd., (1959, A.C. 604) Viscount Simonds considered that, although liability primarily was to be regarded as having arise in tort, it could also be based on implied terms contained in the contract of employment.' – Charlesworth & Percy on Negligence (Ninth Edition, 1997).'*

*Illi fil-qasam tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, fl-1 ta' Mejju, 2001 daħal fis-seħħ l-Att XXVII tas-sena 2000 (illum Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta) li bena fuq il-liġijiet u regolamenti li diġà kien hemm qabel. Bis-saħħa ta' dan l-Att, ġie ippubblikat fost ħafna regolamenti oħrajn, l-Avviż Legali 36 tal-2003 imsejjaħ 'Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol', li huwa korp ta' regolamenti ta' importanza kbira fil-qasam tax-xogħol.*

*Illi l-Att imsemmi jikkodifika prinċipji u dmirijiet ġenerali li għandhom jirregolaw dan il-qasam u biex jenfasizza l-importanza tiegħu jistqarr li, 'Il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol għandha titqies bħala materja ta' interess pubbliku.' (Artikolu 4(1)).*

*Illi l-Artikolu 4(2) jelenka dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li fuqhom għandhom jiġu imfasslin il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol:*

i. *Li jiġi evitat riskju;*
ii. *L-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*
iii. *L-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
iv. *Il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
v. *Li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun inqas perikoluż;*
vi. *Billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*
vii. *Li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*

viii. *Billi wieħed jadatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*
ix. *Billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol."*

44. Jidher ċar, mill-provi prodotti illi s-soċjeta' intimata naqqset milli timplimenta l-miżuri fuq imsemmija u, sabiex tiġġustifika tali nuqqas, ivvintat storja illi Louis Cassar ried jikkommetti suwiċidju għax kellu problemi finanzjarji u familjari – storja falza intiża unikament biex tikkrea paraventu biex taħbi n-nuqqasijiet tagħha.

45. Għaldaqstant, il-Qorti hija kemm moralment kif ukoll fattwalment konvinta illi s-soċjeta' intimata hija unikament responsabbli għall-inċident illi wassal għall-mewt ta' Louis Cassar, raġel tar-rikorrenti Roberta Cassar, u missier Hayley Cassar, dak iż-żmien ta' l-eta' tenera ta' sebgħa snin.

## Lucrum Cessans

46. Jirriżulta, mis-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partjiet, illi filwaqt li *damnum emergens* ma humiex qed jiġu pretiżi, hija l-*lucrum cessans* illi r-rikorrenti qiegħda titlob għaliha u għat-tifla tagħha.

47. Jirriżulta illi, kif intqal fis-sentenza **Emmeline Cini vs. Antione Cachia** il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li sofra l-persuna li sofra t-telf. Tali kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant izda hija regolata minn ċerti prinċipji, għalkemm mhux assoluti.

48. Jirrizulta illi fil-kawża **Paul Debono vs. Malta Drydocks** ġie ritenut illi:

> *"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi ssomma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."*

- **<u>Entita' tad-dhul</u>**

49. Jirriżulta illi r-rikorrenti tikkontendi illi r-raġel tagħha kien jipperċepixxi madwar tmintax-il elf u ħames mitt Euro (€18,500) fis-sena [21].

50. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi s-soċjeta' intimata, da parte tagħha, tikkontendi illi Louis Cassar kien attwalment jipperċepixxi ferm anqas, u għal dan il-għan ippreżentat l-FS3 għas-snin 2007, 2008 u dik il-parti ta' 2009 sakemm miet Louis Cassar fil-25 ta' April 2009.

51. Jirriżulta illi skond dawn l-FS3's hekk ippreżentati, fis-sena 2007 Louis Cassar ipperċepixxa Lm3,457.52 [22], fis-sena 2008 huwa pperċepixxa €8,234.80[23] u fis-sena 2009, sakemm miet, ipperċepixxa €2,674[24].

52. Jirriżulta, madanakollu, illi r-rikorrenti esebiet ukoll payslips li kienu jinkorporaw ċekkijiet maħruga mill-istess soċjetà intimata, li juru li attwalment is-soċjeta' intimata kienet regolarment toħroġ **<u>żewġ</u>** ċekkijiet lil Louis Cassar – ċekk wiehed kien ikollu t-taxxa imnaqqsa u ċekk iehor ma kien ikollu ebda tnaqqis.

53. Jirriżulta, di fatti, illi għall-periodu 1 ta' Dicembru 2008 sa 14 ta' Dicembru 2008, lil Louis Cassar, reġistrat bħala Nru 11119, inħariġlu ċekk nru 128395 fl-ammont ta' €402.44[25], wara li tnaqqsulu €29.70 f'kontribuzzjonjiet kif ukoll iħariġlu ċekk ieħor nru 133856 fl-ammont ta' €394.14[26], li minnhom ma sar ebda tnaqqis.

54. Jirriżulta illi l-import taċ-ċekk nru 128395, li minnhom kien sar it-tnaqqis tal-kontribuzzjoni soċjali, huwa rifless fl-FS3 tas-sena 2008[27], peress illi l-'gross emoluments' fl-FS3 tas-sena 2008 jagħtu ammont ta' €8,234 filwaqt illi l-ammont gross indikat fil-payslip sal-14 ta' Dicembru 2008 kien ta' €7,937.76 – diskrepanza ta' madwar €300 indikattiva għax-xogħol fil-ġimgħatejn ta' l-aħħar ta' 2008 tenut kont tal-perjodu festiv.

55. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi għall-**<u>istess perjodu</u>** bejn l-1 ta' Diċembru 2008 sal-14 ta' Diċembru 2008, lil Louis Cassar bl-istess Numru ta' Reġistrazzjoni, ossija 11119, inħariġlu ċekk iehor, ċ-ċekk nru 133856, fl-ammont ta' €394.14. liema ċekk ma jidhirx reġistrat mis-soċjeta' intmata fil-kotba tagħha.

56. Jirriżulta wkoll illi, sal-14 ta' Diċembru 2008, pagamenti addizzjonali magħmulha lil Louis Cassar uffiċjalment mis-soċjeta' intimata kif fuq spjegat iżda minnha mhux iddikjarati għas-sena 2008 kienu jammontaw għal €9,103.92.[28]

---

[21] Affidavit – vide fol 220
[22] Vide fol 208
[23] Vide fol 209 – Malta daħħlet fiż-żona Euro fis-sena 2008
[24] Vide fol 210
[25] Vide fol 303
[26] Vide fol 306
[27] Vide fol 209
[28] Vide fol 306

57. Jirriżulta, għalhekk, illi a differenza ta' dak ritenut mis-soċjeta' intimata, fis-sena 2008, l-introjtu ta' Louis Cassar mingħand is-soċjeta' intimata kien ta' €8,234.80 kif dikjarat mis-soċjeta' intimata fl-FS3 minnha redatt **flimkien ma'** introjtu ieħor ta' mhux anqas minn €9,103.92 sal-14 ta' Diċembru 2008, jiġifieri total ta' mhux anqas minn **€17,338.72**.

58. Jirriżulta illi s-soċjeta' intimata, tramite ir-rappreżentant tagħha Paul Polidano, tikkontendi illi ma kinetx taf b'din is-sistema ta' ħlasijiet.[29] Il-Qorti, f'dana l-istadju, ma hijiex ser tidħol fil-legalita' o meno ta' dina s-sistema ta' ħlasijiet adoperata mis-soċjeta' intimata stante illi dana ma huwiex il-meritu tal-kawża odjerna, iżda ma għandha assolutament ebda dubju illi ż-żewġ pagamenti maħruġa kontestwalment kienu t-tnejn maħruġa dejjem mis-soċjeta' intimata – waħda fuq letterhead bl-isem 'Polidano Group' u oħra fuq letterhead **<u>IDENTIKA</u>** iżda mingħajr il-kliem 'Polidano Group' fuq.

59. Il-Qorti tosserva illi tkun qiegħda tikkompartecipa f'inġustizzja fil-konfront ta' Louis Cassar u l-eredi tiegħu, ir-rikorrenti, kienu dina l-Qorti kellha tiskarta id-dħul mhux reġistrat mis-soċjeta' initmata fl-FS3 ta' Louis Cassar u tistrieħ biss fuq il-paga dikkjarata mis-soċjeta' intimata, liema fatt kien jippremja l-azzjoni tas-soċjeta' intimata li ma tiddikkjarax il-paga kollha tal-impjegati taghha, għal raġunijiet ċertament mhux leċiti – huwa għalhekk illi din il-Qorrti ser tqis illi **ż-żewg pagamenti** jridu jiġu komputati flimkien bħala l-introjtu ta' Louis Cassar.

60. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi għalkemm ir-rikorrenti tikkontendi illi r-raġel tagħha Louis Cassar kien jipperċepixxi €18,500, li huwa ċert huwa li sal-14 ta' Diċembru 2008, ir-raġel tagħha kien ipperċepixxa €17,338.72.

61. Il-Qorti, f'dana l-istadju, tosserva illi, tenut kont illi jidher li fl-ewwel ġimgħatejn tax-xahar ta' Diċembru, Louis Cassar ipperċepixxa ftit anqas minn tmien mitt Euro, ossija €402.44 (ċekk nru 128395) u €394.14 (ċekk nru 133856), huwa aktar verosimili illi fis-sena 2008 huwa pperċepixxa s-somma ta' madwar €18,000, kif indikat mill-abbli difensur tar-rikorrenti fis-sottomissjonijiet tiegħu.[30]

62. Għaldaqstant, il-Qorti ser tikkunsidra d-dħul ta' Louis Cassar fis-sena 2008, ossija is-sena ta' qabel ma ġara l-inċident, fl-ammont ta' **€18,000**.

63. Dwar kunsiderazzjonijet fuq l-għoli tal-ħajja, jirriżulta illi fil-każ '**Stephen Cardona vs John Mary Fenech**' deċiża mill-Prim Awla fid-9 ta' Frar 2012, kien ġie deċiż illi:

> *Il-Qorti qed takkorda wkoll zieda ta' €300 fis-sena, ir-relazzjoni mal-awment tal-paga għall-għoli tal-ħajja.*

---

[29] Vide fol 358
[30] Vide fol 270

64. Dina l-Qorti taqbel illi tali ammont ta' **€300 fis-sena** għandu jitqies ukoll għall-għoli tal-ħajja fil-każ odjern, kif del resto mitlub ukoll mir-rikorrent stess, stante illi hija riflessjoni raġjonevoli taż-żidiet fl-għoli tal-ħajja.

- **<u>Multiplier</u>**

65. Fil-każ **Joseph Zammit vs. Joseph Bonello**, ġew stabbiliti prinċipji li l-Qorti tħoss li għandha tibbaża fuqhom meta tiġi biex tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu f'ċirkostanzi simili bħal tal-każ odjern:

> *"Illi tali regoli ġew supplimentati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija 'Michael Butler vs Peter Christopher Heard' (Appell, 22.12.1967), li tat l-oriġini għall-hekk imsejħa 'multiplier system', li però ġiet aġġustata għaż-żminijiet riċenti peress li, kif intqal fil-kawża 'Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et', (Appell, 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu.' Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – 'Savona vs Asphar', Appell, 23.06.1952); u li 'għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut' (Emmanuel Mizzi vs Carmel Attard, 13.05.2003), u li 'dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċità ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilità. Inoltre d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realtà' (Francis Sultana vs John Micallef et noe et, Appell, 20.07.1994)."*

66. Fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et noe vs. Carmelo Pace** intqal is-segwenti:

> *"In-numru ta' snin adottat bħala multiplier m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni ċ-chances and changes of life.*
>
> *...*
>
> *Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma*

*tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji."*

67. Jirriżulta illi fil-każ **Atef Zarouk vs C&F Building Contractors et** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Ottubru 2013 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Frar 2019, intqal hekk:

   *... jirriżulta li l-attur kellu 29 sena meta ġara l-inċident, u għalhekk kellu "working life expectancy" ta' ċirka sitta u tletin (36) sena. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tħossx li għandha tapplika multiplier anqas minn dan l-ammont ta' żmien, konsiderando li l-eta' ta' l-irtirar illum żdiedet għal ħamsa u sittin sena u anke għaliex ma nġabu ebda provi għaliex dan għandu jkun anqas.*

68. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, Louis Cassar kellu tnejn u tletin (32) sena meta miet u kellu life expectancy ta' cirka 33 sena.

69. Jirriżulta wkoll illi, fis-sottomissjonijet tar-rikorrenti, il-multiplier minnhom pretiż huwa ta' 28 sena, ossija sakemm kien jagħlaq sittin sena (60).

70. Jirriżulta illi, tenut kont tax-xogħol ta' strapazz illi r-ragel tar-rikorrent, Louis Cassar, kien jagħmel, huwa aktar verosimili illi 28 sena huwa perjodu ta' żmien kemm reali kif ukoll ġust li għandu jkun applikabbli, u għalhekk il-multiplier għandu jkun ta' **28-il sena.**

- **Kalkolu Finali**

71. Ikkunsidrat dawk il-kalkoli u konsiderazzjonijiet kollha kif fuq magħmulha, għandu jirriżulta s-segwenti:

    a. L-introjtu ta' Louis Cassar kien jammonta għal madwar €18,000 fis-sena.
    b. L-għoli tal-ħajja għandu jkun ta' €300 fis-sena.
    c. Il-mutliplier għandu jkun ta' 28 sena.

72. Jirriżulta, għalhekk, illi l-ammont li għandu jkun kkunsidrat għal-*lucrum cessans* għandu jkun maħdum fuq il-media tal-introjtu fis-sena 2009, ossija €18,000, u l-introjtu previst biż-żieda tal-għoli tal-ħajja wara tmienja u għoxrin sena, ossija fl-ammont ta' €26,400, liema medja hija ta' €22,200[31]

[31] (18,000+26,400)/2 = €22,200

73. Jirriżulta illi l-ammont li għandu jiġi kkunsidrat huwa għalhekk ta' €616,000[32]

- **Tnaqqis**

74. Jirriżulta illi, fil-kawża fil-każ **Grace Falzon vs Tlata Limited**, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Mejju 2019, il-Qorti, f'każ simili għal dak odjern, kellha dan xi tgħid dwar tnaqqis:

*F'kawżi fejn si tratta minn talba għal-likwidazzjoni tad-danni minħabba f'mewt, il-Qrati tagħha spiss iqisu l-fattur tal-grad ta' dipendenza li l-atturi fil-kawża jkollhom fir-relazzjoni tagħhom mal-vittma tal-inċident, b'mod li tinħoloq differenza bejn sitwazzjoni fejn il-persuna li titlef ħajjitha tkun il-kap ta' familja, li minnu jkun jiddependi l-għajxien tal-familja tiegħu, u sitwazzjoni fejn min jitlef ħajtu b'mod traġiku jkun wild jew xi membru ieħor tal-familja.*

*F'dan il-każ, il-Qorti tħoss li għandha tagħmel riferiment għas-sentenza flismijiet Turner et vs Agius et fejn intqal:*

*"Għall-finijiet tal-prinċipju tad-dependency hemm differenza fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja, li minnu din tkun qiegħda tiddependi direttament, għal xi sitwazzjoni oħra fejn invece għaż-żamma u għixien tagħha si tratta ta' membru ieħor ta' familja li qiegħda tgħix fi ħdanha u li fin-normalità tal-ħajja l-probabbilità tkun li din tieħu l-istat tagħha jew tmur tgħix għal rasha.*

*L-awturi Kemp & Kemp fil-ktieb magħruf tagħhom, 'The Quantum of Damages', jgħidu: "Each case of course must depend on its particular facts but there is one factor common to most cases where a deceased son was unmarried and had been contributing quite a substantial sum to his parent or parents. That factor is the possibility or even the probability that if he had not died he would some day have married and in consequence his contribution to his parents would have ceased or become much smaller."*

*...*

*L-istess jista' jingħad għal dak li jirrigwarda l-konsum personali. Ir-realtà tal-ħajja hija li wieħed jonfoq il-maġġior parti tad-dħul tiegħu. Ta' min joħroġ id-distinzjoni bejn il-mewt (ekwiparata għal diżabilità totali) u d-diżabilità ta' 100% (eż – min jiġi ridott għal ħajja f'wheelchair b'telf assolut tal-fakoltà mentali). Fil-liġi, il-kwantifikazzjoni tad-danni*

[32] €22,200 x 28 = €616,000

*m'għandhiex tkun ta' konsolazzjoni ta' flus. Il-kwantifikazzjoni trid tħares lejn dak li jitlef min jiġi 'l quddiem u javvanza pretensjoni."*

75. Fil-każ **Jos Agius vs All Services Ltd**, dwar tnaqqis minħabba l-fatt li l-ammont ta' danni ser jitħallas f'darba, intqal hekk:

*"F'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa (lump sum payment) lill-benefiċjarji. Jekk id-deċiżjoni, però, tkun ser tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża."*

76. Ikkunsidrat dan, il-Qorti tosserva illi l-Qorti ma hija ser takkorda ebda tnaqqis marbut mal-grad ta' dipendenza, in vista tal-fatt illi Louis Cassar kien il-"breadwinner" tal-familja, u lanqas ma hija ser takkorda ebda tnaqqis dwar konsum personali, in vista tal-eta' tenera tat-tifla Hayley, li tilfet lill-missierha fl-eta' ta' sebgħa snin.

77. Dwar tnaqqis in vista tal-ħlas f'daqqa, il-Qorti tosserva illi l-kawża odjerna ilha pendenti għal għaxar snin mid-data tal-inċident, illi seħħ fil-25 ta' April 2009, u għalhekk, bil-kalkolu ta' tnaqqis ta' 2% għall kull sena li ddum il-kawża oltre sentejn, it-tnaqqis għalhekk għandu jkun ta' 4% biss.

- **Somma Dovuta**

78. Ikkunsidrati l-fatti kif fuq diskussi, is-somma kif likwidata bħala *lucrum cessans* hija: €22,200 x 28 (multiplier) = €616,000 x 100 % minħabba mewt = €616,000 naqqas 4% (*lump sum payment* ammontanti għal €24,640) = **€591,360 (ħames mija u wieħed u disgħin elf, tlett mija u sittin Euro)**.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha kif prodotti quddiem dina l-Qorti,

Wara illi rat is-sottomissjonijet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi dina l-vertenza billi;

**Tiddikjara** s-soċjeta' intimata Polidano Brothers Limited unikament responsabbli għall-inċident li fih korra Louis Cassar fit-8 t'April 2009 u li seħħ fil-barriera magħrufa bħala "Tal-Qawwi" sita f'Triq Lapsi, Siġġiewi fejn sussegwentement issokkomba għall-ġrieħi sofferti u miet fil-25 ta' April 2009 b'konsegwenza tal-istess korriment,

**Tillikwida** d-danni sofferti mir-rikorrenti minħabba dan l-inċident u l-mewt konsegwenzjali fl-ammont ta' **€591,360 (ħames mija u wieħed u disgħin elf, tlett mija u sittin Euro)**.

**Tikkundanna** lis-soċjeta' intimata biex tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' **€591,360 (ħames mija u wieħed u disgħin elf, tlett mija u sittin Euro)** in linea ta' danni minnha sofferti.

**Imgħax** dekoribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Spejjeż** kollha, inkluzi dawk tal-ittra uffiċċjali tal-31 ta' Mejju 2010 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra s-soċjeta' intimata li hi nġunta għas-subizzjoni.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**